**34. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Onor George Vella pproponew illi:-**

Dan il-Parlament:

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin isiru madwar id-dinja biex jitfakkar il-Ħamsin Anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem addottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, f'Pariġi, fl-10 ta' Diċembru 1948;

Waqt li jirrikonoxxi li d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala objettiv komuni ta' akkwist għall-popli kollha u għan-nazzjonijiet kollha u wkoll bħala fonti ta' ispirazzjoni u bażi ta' progress kontinwu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

Waqt li jenfasizza l-bżonn li jsiru aktar sforzi fuq livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali bil-għan li jissaħħu l-promozzjoni u l-inkoraġġiment ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd mingħajr distinzjoni ta' razza, sess, lingwa jew reliġjon;

Jiddikjara mill-ġdid li dawn id-Drittijiet kollha huma universali u indiviżibbli;

Iġedded f'isem il-Maltin u l-Għawdxin kollha t-twemmin tiegħu fid-drittijiet fundamentali tal-bniedem, fid-dinjità u l-valur tal-persuna umana, fid-drittijiet ugwali għal irġiel u nisa u għal nazzjonijiet kbar u żgħar;

Jikkonferma solennement il-wegħda magħmula minn Malta meta saret Membru ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, biex id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem issir l-objettiv komuni ta' akkwist għall-popli kollha u għan-nazzjonijiet kollha u bħala fonti ta' ispirazzjoni għall-promozzjoni u protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali - ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi u soċjali - inkluż id-dritt għall-iżvilupp.

7.12.98